**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI

## Aġenda Nru. 50 tas-7 Leġiżlatura

## tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

**Data:** Nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016
**Hin:** fil-5:30pm
**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Affarijiet Oħra;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-50 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7:15pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Abigail Sciberras |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Il-Kunsillier Daniel Farrugia wasal għal-laqgħa fis-5:40pm.*

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tad-49 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qajjem il-punt dwar Triq Sant'Anna u staqsa jekk nistgħux inkellmu lil Transport Malta dwar din it-triq, u jekk hemm bżonn l-ispejjeż tagħha jinqasmu bejn il-Kunsill Lokali u l-istess Transport Malta.

2.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li se nitkellmu ma' Transport Malta u naraw kif nistgħu nipproċedu.

*Il-Kunsillier Daniela Farrugia waslet għal-laqgħa fis-5:45pm*

*Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud waslet għal-laqgħa fis-5:50pm*

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Inqrat Ċirkulari 19/2016, mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud, Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 19/2016 – Sħubija fil-*Local Action Groups* (LAGs).**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.2 Inqrat Ċirkulari 19/2016, mibgħuta mis-Sur Silvio Frendo, Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 19/2016 – Sħubija fil-*Local Action Groups* (LAGs).**

3.3 Inqrat Ċirkulari 20/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 20/2016 – Inizjattiva Finanzjarja għal Kumitati Reġjonali – Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita' fuq Livell Reġjonali.**

3.4 Inqrat Ċirkulari 20/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 20/2016 – Inizjattiva Finanzjarja għal Kumitati Reġjonali – Pjan ESK – Abbozz tal-programm u l-Linji Gwida.**

3.5 Inqrat Ċirkulari 21/2016, mibgħuta mis-Sur Antoine Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 21/2016 – Konvenzjoni dwar il-Qasam Soċjali fil-Komunita' u l-programm ta' taħriġ Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar.**

3.6 Inqrat Ċirkulari 22/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 22/2016 – Tqegħid jew Depożitu ta' Stekkat (*Boundary Wall*).**

3.7 Inqrat Ċirkulari 23/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 23/2016 – Servizzi provduti mill-MITA lill-Kunsilli Lokali.**

3.8 Inqrat Ċirkulari 23A/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 23A/2016 – *Corrigendum* għal Ċirkulari Numru 23/2016.**

3.9 Inqrat Ċirkulari 24/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 24/2016 – Inizjattiva ta' Taħriġ dwar *Stress Management*.**

3.10 Inqrat Ċirkulari 25/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari 25/2016 – Sejħiet għall-Offerti li jinkludu Aċċessibilta'.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.11 Inqrat Ċirkulari 26/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru 26/2016 – Kampanja Pink October 2016.**

3.11.1 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill Lokali qabel unanimament li nieħdux sehem f'din l-attivita'.

3.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Information Session – Role of Local Councils in Planning Authority procedures – Monday, 12 September 2016.***

3.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern mill-Uffiċċju Elettorali.**

3.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa maħruġ mill-Uffiċċju Elettorali – Reviżjoni tar-Reġistri Elettorali.**

3.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ittra mingħand il-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali – Reviżjoni tar-Reġistri Elettorali.**

3.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Premju Anzjanita' Attiva 2016.**

3.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Claims pertaining to Memo 30/2015.***

3.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Ġbir ta' Info – Latrini CCTVs.**

3.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Mifsud Attard mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Info Session – Role of Local Councils in Planning Authority Procedures.***

3.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea mid-Dipartiment għall-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Gvern Lokali, bit-titlu ***ATTN: Venue re. Information Session – Role of Local Councils in Planning Authority procedures – Monday, 12 September 2016.***

3.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Presentation – Information Session – Role of Local Councils in Planning Authority procedures – Monday, 12 September 2016.***

3.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Psaila mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Informazzjoni rigward il-kuntrattur tal-*Bulky Refuse*.**

3.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria A. Sammut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Mental Health Campaign – Week 1.***

3.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria A. Sammut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Mental Health Campaign – Week 2.***

3.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Graziella Zerafa Piccinino, *Receptionist* fl-Uffiċċju tal-President, bit-titlu ***The President's Solidarity Fun Run 2016.***

3.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***GENTLE REMINDER – Circular LCA Circ. 32/2016 – CENSE Competition.***

3.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Circular LCA Circ. 49/2016 – Summit of Mayors – Alliance of European cities against violent extremism.***

3.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 50/2016 – Nifirħu lil Joan Agius, kunsilliera fil-Kunsill Lokali Żejtun, għar-rebħ tal-premju 'B'Hilti Wasalt.'**

3.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Mapping Plan for New EV Charging Infrastructure.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitat Reġjonali, bit-titlu **Awguri lil Joan Agius.**

3.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Dimech, Segretarju tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitat Reġjonali, bit-titlu **ANSEK – Laqgħa Ġenerali Annwali 2016.**

3.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Dimech, Segretarju tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitat Reġjonali, bit-titlu **Korrezzjoni - ANSEK – Laqgħa Ġenerali Annwali 2016.**

3.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Local Development Strategy – Final Public Consultation.***

3.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ispettur Charlotte Curmi, Spettur tal-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Kontenitur tal-Iskart Misruq, il-Qrendi.**

3.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Antonella Vella, mid-*Drug Squad*, bit-titlu ***Invitation for Meeting.***

3.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, *Director Operations* mil-LESA, bit-titlu **Kjarifika dwar pagament lil LESA.**

3.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tania Belfiore, *Regional Coordinator (South)* minn Valletta 2018, bit-titlu ***Launch of new season of*** **Darba waħda...*****project.***

3.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Formosa, *Project Leader* ta' Darba waħda..., bit-titlu ***Video clip of*** **Darba waħda...*****for social media networks.***

3.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Formosa, *Project Leader* ta' Darba waħda..., bit-titlu ***Re: no. of participants – young and older participants.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Chantelle Vella mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, bit-titlu ***Questionnaire Accessibility for disabled.***

3.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Galea, mit-*Traffic Management and Road Safety Department*, bit-titlu ***Roads Closure.***

3.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Briffa minn Transport Malta, bit-titlu ***Completion of the final stretch of Asphalting works at*** **Triq is-Siġġiewi, Qrendi.**

3.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono, mit-*Traffic Management and Road Safety Department,* bit-titlu ***DPN of a*** **Fiera** ***in*** **Qrendi.**

3.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Micallef, mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta, bit-titlu **Pjan Soċo Edukattiv.**

3.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Grech, *Charge Nurse* fin-*National Immunisation Services*, bit-titlu ***Influenza Circular and Memo.***

3.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Louise Grech, *Senior Clinical Pharmacist* minn Mater Dei, bit-titlu ***World Pharmacist Day Mater Dei Hospital event.***

3.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Din l-Art Ħelwa, bit-titlu ***Volunteer Opportunity.***

3.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Borg, Direttur ta' Nexos Street Lighting, bit-titlu ***STL Forms.***

3.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Suzanne Cassar Dimech, *Chief Officer Strategy Implementation* ta' WasteServ Malta, bit-titlu **Ċirkulari fuq iċ-Ċentri għall-Iskart Goff.**

3.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-MEUSAC, bit-titlu ***EU Funding Opportunity – YOUTH.***

3.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Recycling Officer* ma' GreenPAK Coop Society Ltd., bit-titlu **Sistema ġdida ta' tqassim ta' boroż mis-sena 2017.**

3.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Rene Savona Ventura, *Operations Manager RSS,* bit-titlu **Haddiema tal-RSS assjenati mal-Kunsilli Lokali u Reġjuni.**

3.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Danilo Crastolla, minn *Crastolla Law Girm*, bit-titlu ***1 Call for proposal Italia-Malta.***

3.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise Grech, Direttur Maniġerjali ta' LAD Enterprise Ltd, bit-titlu ***Scoop the poop last offers.***

3.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Andre' Vassallo Grant, Direttur tad-Djar tal-Anzjani tal-Knisja, bit-titlu **Jum l-Anzjani.**

3.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn SAS Malta, bit-titlu **Jum l-Anzjan.**

3.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rosemarie Debono, Statista fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatika, bit-titlu **Popolazzjoni tal-Qrendi.**

3.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kenneth Farrugia mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, bit-titlu ***Contact Numbers.***

3.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sebastian Agius minn Agius Books, bit-titlu ***Books.***

3.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Micallef mill-Malta Marathon, bit-titlu **Żurrieq *Half Marathon 2016.***

3.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana, Produttur tal-programm 'Tifkiriet' fuq PBS, bit-titlu **Lis-Segretarju Eżekuttiv – STEDINA.**

3.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tricia Dawn Williams, *Sub-editor* tal-magażin ENCORE, bit-titlu ***ENCORE #7 – Call for cultural events – Local Councils.***

3.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kevin Gauci minn *Emergency First*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Response,* bit-titlu **Servizz ta' Ambulanza – Festa ta' Santa Marija, il-Qrendi.**

3.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Bernardette Azzopardi bit-titlu ***Requesting permission to fix two signs at*** **Triq it-Tempesta, il-Qrendi.**

3.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Keith Cortis bit-titlu **Garage – Triq Santa Katarina, Qrendi.**

3.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Portelli, bit-titlu **30, Perla Triq is-Salvatur, Qrendi.**

3.66.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa jekk tistax issir kaxxa quddiem il-bieb ta' barra ta' dan ir-resident.

3.66.2 Is-Sindku David Schembri wieġeb li jekk kemm-il darba se napprovaw kaxxa f'dan il-każ, se nkunu qegħdin noħolqu preċedent, minħabba li mbagħad ikollna diversi talbiet oħra.

3.66.3 Żied li min joqgħod f'xi sqaq jew inkella f'toroq simili, bi dritt jiġi jitlob għal kaxxa quddiem il-bieb ta' barra.

3.66.4 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li se nitkellmu ma' Transport Malta dwar dan il-każ sabiex nieħdu parir x'nistgħu nagħmlu.

3.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia, bit-titlu ***Application for double yellow line.***

3.67.1 Qabel ma' ġiet diskussa din il-korrispondenza, il-Kunsillieri Daniel Farrugia u Daniela Farrugia għamluha ċara li mhux se jkunu qegħdin jieħdu f'sehem f'din id-diskussjoni minħabba li s-Sur Carmel Farrugia jiġi t-tifel u l-ħu rispettivament tal-kunsillieri.

3.67.2 Is-Sindku qal li jekk din it-talba tiġi aċċettata, allura s-sinjal isfar ikun jista' jsir matul it-triq kollha.

3.67.3 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li jaqbel li jsiru

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

dawn il-linji sofor u se nibagħtu lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

3.67.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Levin Dow bit-titlu ***Contact Blue Grotto.***

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-Ġnien tal-Kmand u spjega li kellmuna mid-Dipartiment tal-Artijiet dwar id-devoluzzjoni tal-istess Ġnien.

4.1.1 Qal li jidher li l-kera tad-devoluzzjoni ta' dan il-Ġnien qatt ma tħallset, u mill-informazzjoni li ngħata jidher li hemm madwar €11,000 kontijiet x'jitħallsu.

4.1.2 Spjega li dan l-ammont huwa mis-sena 2008 'l quddiem minħabba li sa dik is-sena marru lura d-Dipartiment tal-Artijiet.

4.1.3 Qal li jekk il-Kunsill Lokali jaqbel, niktbu lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex dan il-Ġnien tal-Kmand jiġi devolut uffiċjalment lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi u nħallsu l-kera ta' €1,234 fis-sena.

4.1.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.2 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett 'Darba waħda...'

4.2.1 Qal li mil-lokalita' tagħna kienu biss erba' persuni li applikaw, allavolja kollox huwa b'xejn u se jsiru wara l-4:30pm.

4.3 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li se ssir laqgħa ma' Din l-Art Ħelwa u l-Enemalta dwar id-dwal ta' madwar Torri Xutu.

4.3.1 Qal li r-responsabilita' kollha ta' din iż-żona hija ta' Din l-Art Ħelwa,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

imma bħala Kunsill Lokali qegħdin nappoġġjaw dan il-proġett.

4.4 Is-Sindku tkellem dwar l-Iskema tal-Libreriji tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali.

4.4.1 Qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi qiegħed jibbenefika minn din l-iskema, fejn €400 se jmorru sabiex jiġi rranġat l-ixkaffar, filwaqt li €800 se jmorru għal xiri ta' kotba ġodda.

4.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mas-Sur Saver Darmanin, u qal li t-toroq kollha f'Wied iż-Żurrieq huma tal-gvern u mhemm l-ebda triq li hija privata.

4.5.1 Qal li fil-preżent il-Kunsill Lokali għandu talba quddiemu għal barrikata biex issir fi triq partikolari u rridu naraw kif se nipproċedu.

4.5.2 Semma' wkoll li għandna talba dwar tismija ta' triq partikolari u fisser kif fil-preżent il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq huwa xolt.

4.5.3 Qal li hu personalment tkellem ma' ex-membru ta' dan il-Kumitat, fejn ingħata l-parir li l-Kunsill Lokali jipprepara l-ismijiet tat-toroq, bi ftit informazzjoni għaliex triq partikolari trid tingħata dak l-isem, u li l-isem tat-triq ma jistax ikun simili bħal ta' xi triq oħra fil-Qrendi jew iż-Żurrieq.

4.5.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li tkun ideali jekk ikun hemm ċans li naħsbu fuq dawn l-ismijiet, u naraw li dawk li nagħżlu jkunu jagħmlu ġieħ lill-Qrendi.

4.5.5 Is-Sindku wieġeb li għal-laqgħa li jmiss kulħadd għandu jaħseb f'min tal-inqas tliet ismijiet li nistgħu nagħtu, minħabba li b'kollox hemm tliet toroq partikolari li għandhom bżonn isem ġdid f'Wied iż-Żurrieq.

4.5.6 Id-diskussjoni dwar it-tismija ta' dawn it-toroq se tkompli fil-laqgħa li jmiss.

4.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li se ssir nhar l-Erbgħa li ġej mill-GAL Xlokk, fejn fiha se jiġu diskussi l-prioritajiet li se jkun hemm għas-snin 2016 – 2020.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.7 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa organizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-proċeduri tal-Awtorita' għall-Ippjanar.

4.8 Is-Sindku tkellem dwar it-tindif tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u qal li ġejna infurmati mis-Sa. Maria Assunta Camilleri li din se tieqaf fl-aħħar ta' Diċembru ta' din is-sena.

4.8.1 Qal li fil-preżent qegħdin naraw il-possibiltajiet kollha sabiex minn Jannar li ġej l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jibda jitnaddaf minn persuna differenti.

4.8.2 Spjega kif diġa' tkellimna mal-operaturi tal-*Community Workers Scheme*, biss qegħdin nevalwaw possibiltajiet oħra qabel niddeċiedu.

4.9 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett REFAB.

4.9.1 Qal li fil-preżent diversi Kunsilli Lokali qegħdin jinstallaw kontenituri li fihom jistgħu jitpoġġew il-ħwejjeġ użati li n-nies ma jkollhomx bżonn.

4.9.2 Żied li hu qiegħed jipproponi li minflok ikollna dan il-kontenitur x'imkien fil-Qrendi, nagħmlu kollezzjoni mill-uffiċċju, fejn wara li jinġabru ammont ta' ħwejjeġ ninfurmaw lill-kollettur sabiex jiġi jiġborhom, u hekk xorta waħda nkunu qegħdin nagħtu servizz.

4.10 Is-Sindku tkellem dwar il-bir tal-ilma li jinsab fil-bitħa tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

4.10.1 Qal li fl-aħħar jiem għamilna tliet ijiem sħaħ nippumpjaw l-ilma 'l barra, inżilna madwar tliet metri 'l isfel u issa qegħdin infittxu għajnuna professjonali sabiex inkunu nistgħu nkomplu nbattlu u nnaddfu dan il-bir.

4.10.2 Spjega kif fil-bidu ħadna l-impressjoni li l-ilma tal-bir kien ikkontaminat mid-drenaġġ, u fil-fatt ġibna wkoll persuni mid-*Drainage Department* sabiex naraw jekk is-*sewer mains* tal-madwar humiex blukkati.

4.10.3 Qal li rriżulta li mhemm l-ebda *blockage* u allura se nkunu qegħdin nippruvaw insibu rimedji oħra dwar kif se nkomplu nbattlu l-ilma, meta

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

wkoll skont il-persuni li ġew, l-ilma mhuwiex kontaminat mid-drenaġġ, imma huwa ilma qiegħed u bil-ħama.

4.11 Is-Sindku tkellem dwar Triq is-Siġġiewi.

4.11.1 Qal li wasal iż-żmien li nikkunsidraw li f'din it-triq nagħmlu *sleeping policemen* sabiex innaqqsu l-veloċita' tal-vetturi li qegħdin jgħaddu minn din it-triq.

4.11.2 Spjega kif għandna €2,000 vvutati mingħand ir-Reġjun tan-Nofsinhar u allura nistgħuhom nużawhom sabiex nagħmlu dawn l-i*sleeping policemen*.

4.11.3 Qal li rridu nagħmlu dak kollu possibbli sabiex nevitaw xi inċident, u mhux l-ewwel nistennewh isir.

4.11.4 Fil-fatt se nkunu qegħdin inressqu talba quddiem Transport Malta sabiex isiru l-i*sleeping policemen* għall-approvazzjoni tagħhom.

4.12 Is-Sindku tkellem dwar il-*Walk, Cycle, Run* li se tkun organizzata b'riżq id-Dar tal-Providenza nhar il-Ħadd 16 t'Ottubru 2016.

4.12.1 Qal li din it-tellieqa se tgħaddi mill-Qrendi u dawk kollha li xtaqu jgħinu fil-*marshalling* tat-tellieqa kellhom jgħidulu.

4.13 Is-Sindku tkellem dwar iż-żjara tas-Sinjuri Olandiżi Froukje de Jong u Rudi Wester li se jkunu f'pajjiżna mit-18 sat-23 t'Ottubru u dan sabiex jitkellmu dwar Leeuwarden 2018.

4.13.1 Qal li marbut ma' din iż-żjara jista' jitkellem ukoll dwar il-proġett *Poetry in Sacks* fejn spjega kif kemm l-Ambaxxata Olandiża u anke l-Ministeru tal-Edukazzjoni huma kuntenti b'dan il-proġett u jridu li jkomplu din l-inizjattiva.

4.14 Is-Sindku staqsa dwar il-websajt uffiċjali tal-Kunsill Lokali.

4.14.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa wieġeb li x-xogħol fuq il-websajt miexi ġmielu.

4.14.2 Is-Sindku kompli jistaqsi dwar l-artikli li bħalissa jinsabu bl-Ingliż u dawn iridu jiġu tradotti għall-Malti.

4.14.3 Il-Viċi Sindku wieġeb li hu personali m'għandux ċans jagħmel traduzzjoni ta' dawn l-artikli qabel Marzu tas-sena d-dieħla, u propona li nsibu nies li jkunu jistgħu jagħmlu dawn it-traduzzjonijiet.

4.14.4 Fil-fatt se nkunu qegħdin niċċekkjaw min huwa interessat li jagħmel dawn it-traduzzjonijiet, u aktar kemm inisbu tradutturi aktar aħjar ħalli x-xogħol jinqasam sew u ma jkollhomx ħafna traduzzjonijiet.

4.14.5 Is-Sindku staqsa wkoll dwar meta hemm il-ħsieb li ssir it-tnedija ta' din il-websajt ġdida.

4.14.6 Il-Viċi Sindku qal li forsi l-ideali jkun li din it-tnedija ssir f'nofs ix-xahar ta' Diċembru ta' din is-sena.

4.15 Is-Sindku tkellem dwar is-serq li qiegħed ikollna madwar ir-raħal tal-Qrendi, fejn f'dawn l-aħħar jiem insterqu xi għotjin ta' *dustbins*, insteraq kontenitur ta' *dustbin* kif ukoll tkissru erba' mirja.

4.15.1 Qal li bħala Kunsill Lokali qegħdin dejjem nagħmlu rapport fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, biss ikun ideali jekk ikollna anke l-għajnuna mingħand il-pubbliku inġenerali sabiex naqbdu lill-persuna/i li qegħdin jagħmlu dawn l-atti.

4.16 Il-Viċi Sindku staqsa jekk nistgħux naraw kif insibu soluzzjoni li fit-toroq fejn hemm l-għelieqi, minflok isir ilqugħ bil-konkos, isir ilqugħ differenti, bħal per eżempju, tinqata' biċċa mit-triq u titgħatta bil-ħadid sabiex xorta jinqabad l-ilma.

4.16.1 Is-Sindku wieġeb li jekk se nneħħu dawn l-ilqugħ irridu nneħħu ta' kulħadd, hu min hu, u mhux ta' xi persuni partikolari biss.

4.16.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li bħala lqugħ messhom isiru xkejjer bħalma kien isir fiż-żminijiet l-imgħoddija.

4.16.3 Is-Sindku wieġeb li żgur mhux kulħadd se jaċċetta dawn il-proposti, u probabbli xorta jkun hemm min jivvinta xi tip ta' tumbata bl-iskuża biex

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ma jintilifx ilma.

4.16.4 Qal li rridu nieħdu deċiżjoni u bħala Kunsill Lokali kulħadd iżomm magħha, ħalli jekk jintbagħtu l-ittri dawn ikunu ffirmati mill-Kunsillieri kollha u mhux sempliċiment mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.16.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li għandhom jibdew jintbagħtu dawn l-ittri u li għalihom jiffirmaw il-Kunsillieri kollha.

4.17 Il-Viċi Sindku qal li hemm il-ħsieb li tiġi organizzata attivita' kulturali matul ix-xahar ta' Novembru.

4.17.1 Is-Sindku rriafferma li l-aħħar attivita' kulturali kienet suċċess u baqgħet tissemma' ħafna li dorna madwar Għawdex bit-tren.

4.17.2 Qal li forsi għandna nagħmlu xi ħaġa simili fil-villaġġ tan-nofsinhar ta' Malta u forsi anke nkunu nistgħu naħdmu id f'id ma' Kunsill Lokali ieħor.

4.18 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Triq Nicolo' Communet u qal li kien hemm xi persuni li qegħdin joħorġu l-iskart domestiku tagħhom wara li jgħaddi l-kollettur.

4.18.1 Is-Sindku wieġeb li kemm-il darba qegħdin nibagħtu ittri lir-residenti, u f'din it-triq imsemmija għadna kif bagħtna ittra simili ftit tal-ġimgħat ilu.

4.19 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar Triq is-Salvtur k/ma' Triq iż-Żurrieq u qal li qiegħed ikun hemm problema bil-posta li titqassam.

4.19.1 Qal li minħabba li l-pustiera qegħdin jinbidlu spiss, u Triq is-Salvatur hija pjuttost kontinwazzjoni ta' Triq iż-Żurrieq, dawn qegħdin jitħawdu u jispiċċaw iqassmu l-ittri ħażin.

4.19.2 Il-Kunsillier Farrugia ppropona li fejn hemm it-tabella ta' Triq iż-Żurrieq issir waħda ġdida u fuqha jkun hemm miktuba wkoll Triq is-Salvatur, u jkun hemm indikazzjoni bi vleġġa fejn huma t-toroq inkwistjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.19.3 Is-Sindku qal li se nkunu qegħdin inkellmu lill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali tat-Toroq sabiex jieħdu ħsieb din il-materja.

4.20 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar id-dwal tal-latrini pubbliċi li hemm fi Triq Rokku Buhagiar (quddiem il-Knisja Parrokjali), kif ukoll dwar l-istat tagħhom.

4.20.1 Il-Kunsillier Farrugia ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jħares bis-serjeta' jekk għandux jagħmel tisbiħ ta' dawn il-latrini li jinsabu fiċ-ċentru tal-lokal.

4.20.2 Is-Sindku wieġeb li huwa minnu li dawn il-latrini pubbliċi għandhom bżonn tisbiħ, imma rridu niddiskutu dan il-proġett u nitkellmu aktar fid-dettall fuqu.

4.21 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk il-Kunsilli Lokali jistgħux ibiegħu *cold asphalt* u/jew qatran.

4.21.1 Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill Lokali ma jistax ibiegħ materjal simili lil terzi persuni, imma dan għandu jinxtara mingħand min jipproduċih.

4.22 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar ix-xtiebi li saru f'Misraħ il-Maqluba mill-Kunsill Lokali.

4.22.1 Is-Sindku wieġeb li dawn ix-xtiebi ma kenux saru mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu u ma kenux inklużi fil-proġett ta' Misraħ il-Maqluba.

4.22.2 Żied li bħala Kunsill Lokali dejjem ikkonfermajna li dawn riedu jiġu rranġati sabiex ikunu konformi mal-proġett kollu, u fil-fatt saru wara l-Festival Agrarju tal-Patata 2016.

4.22.3 Il-Kunsillier Sant Mifsud wieġbet li personalment rat li l-ħlas għalihom kien għoli wisq.

4.22.4 Is-Sindku wieġeb li kienet hi stess li kkonfermat dak il-prezz minħabba li hija parti mis-sotto kumitat tal-finanzi, u fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Iskeda ta' Pagamenti kienet għaddiet unanimament.

4.22.5 Is-Sindku ħeġġeġ lill-persuni li jiffurmaw parti mis-sotto kumitat tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

finanzi, sabiex ikunu ċerti fuq il-pagamenti kollha li qegħdin japprovaw, għax ma nistgħux napprovaw pagament f'laqgħa, imbagħad niġu fil-laqgħa ta' wara u ngħidu li rajnih għoli.

## 5. AFFARIJIET OHRA

5.1 Ma kienx hemm affarijiet oħra x'jiġu diskussi waqt din il-laqgħa.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €30,752.21 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/16 u €34.41c skont il-*Petty Cash* Ref T/08.

6.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

6.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 7. AĠĠORNAMENT

7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 t'Ottubru 2016 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |